**L-ewwel Taħriġ – IT-TĦEJJIJA (minuta mhux assessjata)**

L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru sa xħin jgħaddi l-ħin.

1a) Lil Student A – Bonġu........., fi xħin wasalt l-iskola dalgħodu?

1b) Lil Student B – Bonġu........., fi xħin tispiċċa l-iskola llum?

2a) Lil Student A – X'għamilt il-bieraħ flgħaxija?

2b) Lil Student B – X'beħsiebek tagħmel illum wara l-iskola?

3a) Lil Student A – Kif tasal l-iskola filgħodu u kif tmur lura d-dar?

3b) Lil Student B – Tippreferi l-ħin li tqatta' l-iskola jew id-dar? Għaliex?

4a) Lil Student A – Liema hi l-kamra favorita fid-dar tagħkom? Għaliex?

4b) Lil Student B – Liema hu l-istaġun favorit tiegħek? Għaliex?

**It-tieni Taħriġ – L-INTERVISTA (3 minuti)**

L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.

L-interlokutur jgħid lil Student A – "Ser nistaqsik xi mistoqsijiet dwar il-ħajja fl-iskola."

1) Tieħu pjaċir tiġi l-iskola?
2) Kemm jekk iwieġbu Iva u anke jekk Le → Għaliex?
3) Liema hu s-suġġett favorit tiegħek? Għaliex?
4) X'attivitajiet ikollkom l-iskola matul is-sena?
5) X'idejqek l-aktar fl-iskola?
6) Li kieku għandek iċ-ċans tbiddel xi ħaġa mill-ġurnata tal-iskola, xi tbiddel u għaliex?

l-interlokutur jgħid lil Student B – "Ser nistaqsik xi mistoqsijiet dwar il-passatempi tiegħek."

1) Liema huma l-passatempi tiegħek?
2) Għaliex?
3) Imma liema wieħed minnhom hu l-favorit tiegħek?
4) Meta tiprattikah?
5) Kemm jeħodlok ħin matul il-ġimgħa?
6) Taħseb li dan il-passatemp ser tibqa' tipprattikah anke meta tikber? Għaliex?

**Taħriġ 3 – QABBEL (3 minuti)**

L-interlokutur jgħid lill-istudenti biex iħarsu sew lejn iż-żewġ stampi għax ser ikollhom xi mistoqsijiet xi jwieġbu dwarhom.

<u>Lil Student A</u> – Tista' tgħidli x'hemm komuni f'dawn iż-żewġ stampi?

<u>Lil Student B</u> – Tista' tgħidli x'għandhom differenti dawn iż-żewġ stampi?

<u>Lil Student A *(l-ewwel stampa)*</u>:

1) Fejn taħseb li qegħdin dawn in-nies? Għaliex?
2) X'qed tagħmel il-kaxxiera?
3) X'inhi tagħmel il-mara li qiegħda tixtri?
4) X'inhu jogħġbok fl-istampa? Għaliex?
5) Taħseb li dan il-ħanut kbir jew żgħir? Għaliex?
6) Inti tħobb tmur tixtri mal-mama' jew mal-papa'?
7) Ġieli tmur tixtrilhom int?

<u>Lil Student B *(it-tieni stampa)*</u>:

1) Fejn taħseb li qegħdin dawn in-nies? Għaliex?
2) X'inhu jagħmel il-wejter?
3) X'inhuma jagħmlu n-nies?
4) Taħseb li qed jiċċelebraw xi okkażżjoni jew le? Għaliex?
5) Taħseb li dan ir-restorant kbir jew żgħir? Għaliex?
6) Int tħobb tmur tiekol ġo restorant? Għaliex?
7) Liema hu r-restorant favorit tiegħek? Xi tħobb tordna.





**Taħriġ 4 – SAQSINI INT  (3 minuti)**

L-interlokutur jgħid lill-istudenti waqt li jqiegħed l-istampi quddiemhom:  "Nixtieqkom tħarsu lejn din l-istampa.  Issa jiena lil dawn nafhom sewwa u naf x'kienu qed jagħmlu waqt li ttieħed dan ir-ritratt.  Saqsuni li tridu fuqhom u jiena nweġibkom.  Ftehmna?  X'tixtieqqu tkunu tafu.  Saqsuni dwar....."

L-interlokutur jalterna l-ħjiel tal-mistoqsijiet (li jidhru hawn taħt) b'mod li l-istudenti jieħdu ndaqs sa xħin jgħaddi l-ħin.

1) Fejn qegħdin?
2) X'inhuma jagħmlu?
3) Eta' tat-tfal?
4) Relazzjoni?
5) X'inhuma jagħmlu?
6) Hux jieħdu gost?
7) F'liem staġun?
8) Okkażżjoni?

